ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 166

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

12 ta’ Ġunju 2013

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 166/01 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-kwantità disponibbli għas-subperjodu ta’ Settembru 2013 fil-qafas ta’ ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni Ewropea għal prodotti tas-settur tar-ross ................ 1

III *Atti preparatorji*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2013/C 166/02 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta’ Mejju 2013 dwar proposta għal Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu u dwar proposta għal regolament fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi (CON/2013/32) ........................................................................ 2

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 166/03 Rata tal-kambju tal-euro . . . . . 6

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 166/04 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6951 – Bain Capital/FTE) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] . . . . . 7

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 166/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel . . . . . 8

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-kwantità disponibbli għas-subperjodu ta' Settembru 2013 fil-qafas ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni Ewropea għal prodotti tas-settur tar-ross**

(2013/C 166/01)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2009 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) ([1]). Ma ġewx imressqa applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni matul l-ewwel sebat ijiem ta' Mejju 2013 għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4189 u 09.4190.

Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([2]), il-kwantitajiet li għalihom ma jitressqux applikazzjonijiet għandhom jiżdiedu ma' tas-subperjodu ta' wara.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2009, il-kwantitajiet disponibbli fis-subperjodu ta' wara għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni sal-25 jum tal-aħħar xahar ta' subperjodu partikolari.

B'konsegwenza ta' dan, il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Settembru 2013 fil-kuntest tal-kwoti bin-numri tas-serje 09.4189 u 09.4190, kif imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1274/2009, huma stabbiliti fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

([1]) ĠU L 344, 23.12.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

---

*ANNESS*

**Kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu li jmiss, skont ir-Regolament (UE) Nru 1274/2009**

| Oriġni | Numru tas-serje | Applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni milqugħa għas-subperjodu ta' Mejju 2013 | Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Settembru 2013 (f'kg) |
|---|---|---|---|
| L-Antilli Olandiżi u Aruba | 09.4189 | ([1]) | 25 000 000 |
| OCTs l-inqas żviluppati | 09.4190 | ([1]) | 10 000 000 |

([1]) Ma japplikax il-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan is-subperjodu: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-17 ta' Mejju 2013**

**dwar proposta għal Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu u dwar proposta għal regolament fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi**

**(CON/2013/32)**

(2013/C 166/02)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-27 ta' Frar 2013, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu (iktar 'il quddiem id-"Direttiva proposta") [1]. Fit-28 ta' Frar 2013, il-BĊE rċieva talba oħra mingħand il-Kunsill, f'din l-okkażjoni għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament propost") [2] (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa l-"istrumenti proposti tal-Unjoni"). Il-BĊE rċieva wkoll talbiet mingħand il-Parlament Ewropew għal opinjoni dwar l-istrumenti proposti tal-Unjoni, jiġifieri fit-2 ta' April 2013 fir-rigward tad-direttiva proposta u fit-3 ta' April 2013 fir-rigward tar-regolament propost.

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li l-istrumenti proposti tal-Unjoni fihom dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Barra minn hekk, il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(2) u (5) u 128(1) tat-Trattat u l-Artikoli 16 sa 18 u 21 sa 23 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, peress li l-istrumenti proposti tal-Unjoni fihom dispożizzjonijiet li għandhom implikazzjoni għal ċerti kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali. B'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv għalhekk adotta din l-opinjoni.

1. ***Skop u kontenut tal-istrumenti proposti tal-Unjoni***

1.1. *Direttiva proposta*

L-għan tad-Direttiva proposta huwa li taġġorna u temenda r-reġim tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu sabiex jitqiesu reviżjonijiet reċenti għal standards internazzjonali applikabbli, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tal-Financial Action Task Force (FATF), li ġew adottati fi Frar 2012 [3], kif ukoll bosta rapporti u evalwazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea li jirrigwardaw l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar

---

(1) COM(2013) 45 finali.

(2) COM(2013) 44 finali.

(3) Standards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni – ir-Rakkomandazzjonijiet FATF, Pariġi, 16 ta' Frar 2012, disponibbli fuq il-websajt tal-FATF fuq http://www.fatf-gafi.org

il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu [1]. Id-Direttiva proposta, meta tiġi adottata, ser tħassar u tissostitwixxi d-Direttiva 2005/60/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE [2].

Id-Direttiva proposta tieħu approċċ iktar ibbażat fuq ir-riskju lejn miżuri [3] kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Hija ssaħħaħ ir-rekwiżiti ta' "diliġenza dovuta mal-klijent" [4] sabiex ċerti kategoriji ta' klijenti u transazzjonijiet [5] ma jibqgħux eżentati minn rekwiżiti ssimplifikati ta' diliġenza dovuta mal-klijent u sabiex l-"entitajiet obbligati" [6] minn issa 'l quddiem ikollhom jevalwaw il-livell ta' riskju qabel ma jiddeċiedu jekk jagħmlux diliġenza dovuta mal-klijent. Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASEi) [7] ser ikunu meħtieġa jipprovdu opinjoni konġunta dwar ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu li jeffetwaw is-suq intern fi żmien sentejn mid-data meta tidħol fis-seħħ id-direttiva proposta, waqt li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jwettqu u jżommu aġġornati evalwazzjonijiet nazzjonali tar-riskju sabiex jidentifikaw dawk l-oqsma fejn huwa meħtieġ tisħiħ fid-diliġenza dovuta mal-klijent [8]. Id-direttiva proposta testendi wkoll l-ambitu tar-reġim tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari billi tnaqqas il-livell limitu għall-applikazzjoni tar-reġim għal negozjanti f'oġġetti ta' valur għoli li jirċievu ħlasijiet f'kontanti mingħand klijenti ta' bejn EUR 15 000 EUR 7 500.

Id-direttiva proposta ser tgħolli l-livell ta' diliġenza dovuta mal-klijent li għandha ssir fir-rigward ta' "persuni esposti b'mod politiku" (PEPs) [9], b'mod partikolari billi teħtieġ li d-diliġenza dovuta msaħħa mal-klijent [10] issir fir-rigward ta' dawk il-persuni kif ukoll tal-membri tal-familji tagħhom u persuni assoċjati magħhom mill-qrib. Il-PEPs issa ser jinkludu mhux biss individwi "barranin" iżda wkoll individwi "lokali" fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti [11].

Id-direttiva proposta tipprovdi regoli u proċeduri aktar b'saħħithom u ddefiniti b'mod aħjar għall-identifikazzjoni ta' sidien benefiċjarji [12] ta' entitajiet korporattivi jew ġuridiċi u trusts, għalkemm id-definizzjoni ta' sjieda benefiċjarja tibqa' l-istess. Minbarra dan, entitajiet korporattivi jew ġuridiċi u trusts ser ikunu meħtieġa li jżommu rekords fir-rigward tal-identità tas-sidien benefiċjajri tagħhom ['].Barra minn hekk, id-Direttiva proposta tintroduċi xi bidliet għar-rekwiżiti ta' żamma ta' records fir-rigward tad-diliġenza dovuta mal-klijent u transazzjonijiet, kif ukoll għall-politiki interni u l-proċeduri ta' entitajiet obbligati, f'tentattiv biex jintlaħaq bilanċ bejn l-iffaċilitar ta' kontrolli robusti tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu u l-ħarsien tal-prinċipji tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet tas-suġġett tad-dejta.

Id-direttiva proposta ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri li l-kompiti tagħhom huma li jservu bħala punti ta' kuntatt nazzjonali sabiex jirċievu, janalizzaw u jqassmu lill-awtoritajiet kompetenti rapporti dwar suspetti ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

(1) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
(2) Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti b'mod politiku u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29).
(3) Id-direttiva proposta teħtieġ li l-entitajiet obbligati, *inter alia*, iwettqu d-diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti, iżommu rekords, ikollhom kontrolli interni u jippreżentaw rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi fir-rigward tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
(4) Ara l-Kapitolu II, Taqsimiet 1 u 2, Artikoli 9 sa 15, tad-direttiva proposta.
(5) Pereżempju, klijenti li huma negozji rregolati, bħal istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni u kumpaniji elenkati fi swieq irregolati ta' titoli pubbliċi.
(6) Ara l-Artikolu 2(1) tad-direttiva proposta li jelenka l-'entitajiet obbligati' li għalihom tapplika d-direttiva proposta, b'mod partikolari inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti ulterjorment.
(7) L-ASE huma l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).
(8) Ara l-Artikoli 16 sa 23 tad-direttiva proposta.
(9) Ara d-definizzjonijiet fl-Artikolu 3(7) kif ukoll l-obbligi fuq dawk il-persuni pprovduti fl-Artikolu 11 u l-Artikoli 18 sa 22 tad-direttiva proposta.
(10) Ara l-Artikoli 16 sa 23 tad-direttiva proposta.
(11) Ara l-Artikolu 3(7)(b) tad-direttiva proposta. F'dan ir-rigward, "lokali" tfisser meta l-PEP tkun ġiet fdata minn Stat Membru tal-Unjoni b'funzjonijiet pubbliċi prominenti, waqt li "barranin" tfisser meta l-PEP tkun ġiet fdata minn pajjiż terz f'dawk il-funzjonijiet.
(12) Ara l-Artikoli 3(5), 29 u 30 tad-direttiva proposta.

Finalment, id-direttiva proposta tagħmel enfasi akbar fuq l-infurzar u s-sanzjonijiet minn direttivi preċedenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozji jistgħu jinżammu responsabbli għal ksur tar-regoli dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri xierqa u jimponu sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' dawk il-ksur. It-tipi ta' sanzjonijiet amministrattivi li jistgħu jiġu applikati huma stipulati fid-direttiva proposta.

1.2. *Regolament propost*

Ir-regolament propost huwa marbut mill-qrib mal-kisba tal-għanijiet tad-direttiva proposta. Huwa essenzjali għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jirrapportaw informazzjoni adegwata, preċiża u attwali fir-rigward tat-trasferimenti ta' fondi mwettqa għall-klijenti tagħhom sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaġixxu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Ir-regolament propost ([1]) jimmira li jissikka l-obbligi legali eżistenti għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi u dawk li jipprovdu servizzi ta' pagament fid-dawl ta' standards internazzjonali li qegħdin jiżviluppaw ([2]). B'mod partikolari, dan jimmira li jtejjeb it-traċċabilità tal-ħlasijiet billi jeħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiżguraw li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati b'informazzjoni wkoll dwar min jirċievi l-ħlas għall-awtoritajiet kompetenti. Għal dak l-iskop, ser jeħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jivverifikaw l-identità tal-benefiċjarji ta' ħlasijiet li joriġinaw minn barra l-Unjoni għal ammonti ta' aktar minn EUR 1 000 ([3]). Dan ser jeħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom fis-seħħ proċeduri bbażati fuq ir-riskju sabiex jevalwaw meta jeżegwixxu, jiċħdu jew jissospendu trasferimenti ta' fondi u jżommu records ta' ħlasijiet għal 5 snin. Ir-regolament propost jiċċara wkoll li r-rekwiżiti ser ikopru karti ta' kreditu u ta' debitu, ċellulari u strumenti elettroniċi oħrajn, jekk jintużaw għat-trasferiment ta' fondi.

2. ***Osservazzjonijiet ġenerali***

Il-BĊE jilqa' l-istrumenti proposti tal-Unjoni. Il-BĊE jappoġġa bis-saħħa reġim tal-Unjoni li jiżgura li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet residenti fl-Unjoni jkollhom għodod effettivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari kontra kwalunkwe abbuż tas-sistema finanzjarja minn dawk li jaħslu l-flus u li jiffinanzjaw it-terroriżmu u l-kompliċi tagħhom. Il-BĊE jikkunsidra li l-istrumenti proposti tal-Unjoni jindirizzaw b'mod korrett u effettiv id-dgħjufijiet identifikati fir-reġim attwali tal-Unjoni u jaġġornawh biex jieħu f'kunsiderazzjoni t-theddidiet identifikati mill-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu għall-Unjoni u s-sistema finanzjarja tagħha u l-istandards internazzjonali li qegħdin jevolvu dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn it-theddidiet. Il-BĊE jikkunsidra wkoll li l-istrumenti proposti tal-Unjoni ser itejbu ċ-ċarezza u l-konsistenza tar-regoli applikabbli fost l-Istati Membri, b'mod partikolari f'oqsma importanti bħad-diliġenza dovuta mal-klijent u s-sjieda benefiċjarja.

3. ***Osservazzjonijiet speċifiċi***

3.1. Rigward id-direttiva proposta, il-BĊE jinnota li l-bażi legali tagħha hija l-Artikolu 114 tat-Trattat u għaldaqstant timmira li tapprossima d-dispożizzjonijiet nazzjonali relevanti u li timminimizza l-inkonsistenzi bejniethom madwar l-Unjoni. L-Istati Membri b'hekk jistgħu jiddeċiedu li jkomplu jbaxxu aktar il-livelli limitu stipulati fid-Direttiva proposta għall-applikazzjoni tal-obbligi tagħha jew li jadottaw miżuri aktar stretti ([4]). Pereżempju, fil-każ ta' transazzjonijiet bejn negozjanti f'oġġetti ta' valur għoli u klijenti mhux kummerċjali li jammontaw għal EUR 7 500 ([5]) jew aktar, jidher li l-Artikolu 5 tad-direttiva proposta jippermetti lill-Istati Membri li japplikaw miżuri aktar stretti milli sempliċement jeħtieġu li n-negozjant jissodisfa d-diliġenza dovuta mal-klijent, ir-rapportar u obbligi relevanti oħrajn taħt id-direttiva proposta. Kwalunkwe miżuri oħrajn ta' din ix-xorta għandhom jiġu mwieżna b'attenzjoni kontra l-benefiċċji pubbliċi mistennija.

([1]) Ir-regolament propost ser jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1).

([2]) Prinċipalment ir-Rakkomandazzjoni 16 tal-FATF dwar it-titjib tat-trasparenza ta' trasferimenti bankarji transkonfinali.

([3]) Ara l-Artikolu 7 tar-regolament propost.

([4]) Ara l-Artikolu 5 tad-direttiva proposta li tipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam li tkopri d-direttiva proposta għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

([5]) Ara l-Artikolu 10(c) tad-direttiva proposta.

3.2. Waqt li l-BĊE jinnota d-definizzjoni ta' "fornitur tas-servizzi ta' pagament" fl-Artikolu 2(5) tar-regolament propost, huwa jinnota wkoll li, skont il-premessa 8 tar-regolament propost u l-premessa 35 tad-direttiva proposta, mhijiex l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jinkludi fi ħdan l-ambitu tar-regolament persuni li jipprovdu "istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu unikament b'messaġġ jew sistemi oħrajn ta' appoġġ għat-trażmissjoni ta' fondi jew b'sistemi ta' kklerjar u ta' saldu", bħas-sistema TARGET2 mħaddma mill-BĊE. Il-BĊE jappoġġa dan l-approċċ u jenfasizza l-importanza li tinżamm din l-eċċezzjoni sabiex is-sistemi ta' pagamenti fl-Ewropa jkomplu joperaw mingħajr xkiel. L-impożizzjoni ta' dan ir-rekwiżit fuq il-fornituri ta' serviziz ta' kklerjar u ta' saldu tista' twassal għal diffikultajiet u dewmien sinifikanti fl-ipproċessar ta' ħlasijiet bejn banek u entitajiet oħrajn li jipprovdi servizzi ta' pagamenti. Min-naħa l-oħra, dan potenzjalment jista' jkollu impatt serju fuq l-ippjanar tal-likwidità tal-banek u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-funzjonament tas-swieq finanzjarji mingħajr xkiel. Għal din ir-raġuni, u fl-interessi taċ-ċertezza legali u t-trasparenza, il-BĊE jirrakkomanda li din l-eżenzjoni tiġi pprovduta fid-dispożittiv tal-istrumenti proposti tal-Unjoni, u mhux fil-premessi. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat b'attenzjoni jekk atti legali oħrajn tal-Unjoni li preżentament jużaw l-istess appoġġ u teknika ta' abbozzar għal dan it-tip ta' eżenzjoni ([1]) għandhomx isegwu din ir-rakkomandazzjoni.

3.3. Ulterjorment, il-BĊE jinnota li bosta mill-kunċetti ddefiniti fl-Artikolu 2 tar-regolament propost huma ddefiniti wkoll f'atti legali oħrajn tal-Unjoni li huma relatati mill-qrib mar-regolament propost, e.ż. id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE ([2]) (iktar 'il quddiem id-'Direttiva dwar Servizzi ta' Ħlas' (DSĦ)), ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 ([3]) u r-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 ([4]). Peress li l-użu ta' definizzjonijiet stabbiliti għandu jtejjeb il-konsistenza u jagħmilha eħfef biex l-atti legali tal-Unjoni jinftiehmu bħala xi ħaġa sħiħa, il-BĊE jissuġġerixxi li l-Artikolu 2 tar-Regolament propost għandu jiġi emendat kif xieraq, jiġifieri:

(a) Id-definizzjonijiet ta' "pagatur" (min iħallas) u "benefiċjarju" (min jitħallas) għandhom jiġu allinjati mad-definizzjonijiet ta' dawn it-termini fid-DSĦ;

(b) "Fornitur tas-servizzi ta' pagamenti" (Fornitur ta' servizzi ta' ħlas) huwa kunċett stabbilit mid-DSĦ u huwa llimitat għal sitt kategoriji differenti ta' fornituri ta' tali servizzi elenkati fid-DSĦ; għaldaqstant id-definizzjoni ta' dan il-kunċett fir-Regolament propost għandha tirreferi għad-DSĦ;

(c) Id-definizzjoni ta' 'trasferiment ta' fondi "minn persuna għal persuna" ' għandha tkun iddefinita b'mod aktar ċar bħala tranżazzjoni bejn żewġ persuni fiżiċi, li t-tnejn jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom barra mill-ambitu tan-negozju, kummerċ jew professjoni tagħhom.

Din l-opinjoni ser tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Mejju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat- 23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1).

([2]) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

([3]) ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.

([4]) ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Il-11 ta' Ġunju 2013**

(2013/C 166/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3273 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4206 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 128,60 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3594 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4575 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3057 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85390 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7080 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,7454 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6723 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2305 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 503,51 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,6365 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,6860 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,1410 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4988 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,613 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 13 038,61 |
| HUF | Forint Ungeriż | 299,71 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1883 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 57,209 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7020 | RUB | Rouble Russu | 43,1010 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2789 | THB | Baht Tajlandiż | 41,133 |
| RON | Leu Rumen | 4,5113 | BRL | Real Brażiljan | 2,8642 |
| TRY | Lira Turka | 2,5172 | MXN | Peso Messikan | 17,2549 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,5210 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6951 – Bain Capital/FTE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 166/04)

1. Fil-5 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża 3G Bain Capital Europe Fund III, L.P, parti minn of Bain Capital Investors, LLC. ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regoalment dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża FTE Verwaltungs GmbH ("FTE", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bain Capital: kumpanija ta' investiment ta' ekwità privata, attiva globalment f'ħafna industrji, inklużi t-teknoloġija informatika, il-kura tas-saħħa, prodotti bl-imut u tal-konsumatur, telekomunikazzjonijiet, kimiċi, finanzjarji u industrijali/manifattura,

— għal FTE: kumpanija ta' manifattura, attiva globalment partikolarment fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' sistemi u komponenti għall-attivazzjoni tal-klaċċ idrawliku u tal-brejk idrawliku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6951 – Bain Capital/FTE, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2013/C 166/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"STAKLIŠKĖS"**

**Nru tal-KE: LT-PGI-0005-0819-27.07.2010**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Stakliškės"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Litwanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.8. Prodotti oħrajn tal-Anness I għat-Trattat (ħwawar, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-*mead* "Stakliškės" huwa xorb alkoħoliku ta' kulur l-ambra ċar li jsir b'mod tradizzjonali mill-fermentazzjoni naturali tal-*mead* magħsur qabel ma jeħmer flimkien mal-addittivi tal-pjanti (ħaxixa tal-imrar, inwar tal-ixkomp, frott tal-ġniebru). Il-kompożizzjoni tal-għasel, tal-ħxejjex aromatiċi u tal-ħwawar tagħti lix-xorb it-togħma tal-għasel qawwija karatteristika tagħha, kemxejn ħelwa-qarsa u b'aroma pikkanti. L-etanol kollu li hemm fil-*mead* jinkiseb biss mill-fermentazzjoni naturali. Fil-produzzjoni tal-*mead*, l-ebda zokkor jew dolċifikant ieħor, sustanzi koloranti, ħwawar jew preżervattivi ma huma użati, u s-saħħa tiegħu mhuwiex aġġustat biż-żieda tal-etanol.

Proprjetajiet fiżiko-kimiċi tas-"Stakliškės":

— Kontenut tal-etanol – 12 ± 1 % skont il-volum,

— Kontenut taż-zokkor – 160 ± 8 g/dm$^3$,

— Aċidi titrattabbli espressi bħala aċidu ċitriku – 7 ± 0,5 g/dm$^3$,

— Estratt totali – 180 ± 8 g/dm$^3$,

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

— Aċidi volatili espressi bħala aċidu aċetiku – mhux aktar minn 1,5 g/dm$^3$,

— Kontenut tal-ħadid m'għandux jaqbeż 10 mg/dm$^3$,

— Kontenut totali tad-diossidu tal-kubrit u tas-sulfit ma jridx jaqbeż 200 mg/dm$^3$.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Materja prima:

— ilma,

— għasel naturali li huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

  — kontenut taz-zokkor riduċenti (is-somma ta' fruttożju u glukożju): mhux inqas minn 60 g/100 g,

  — kontenut fis-sukrożju: mhux iżjed minn 5 g/100 g,

  — kontenut tal-ilma: mhux iżjed minn 20 %,

  — Attività dijastika (skala Schade): mhux inqas minn 8 %,

— ħmira tal-produtturi tal-birra li tkun qed tiffermenta fil-qiegħ f'konċentrazzjoni ta' sa 5 % tal-*mead* magħsur qabel ma jeħmer;

— ħwawar/taħwir (3,5 g/litru):

  — ħaxixa tal-imrar,

  — inwar tal-ixkomp,

  — frott tal-ġniebru.

Il-*mead* "Stakliškės" għandu jiġi magħmul mit-taħlit ta' partijiet ugwali fil-piż tal-għasel u l-ilma fil-piż, jiġifieri, parti waħda ta' għasel u parti waħda ta' ilma.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata*

I. Jinħall l-għasel, li jagħmel dikantazzjoni tal-likwidu tal-għasel u jneħħi kwalunkwe xkuma u impuritajiet.

II. Dekozzjoni tal-ħaxixa tal-imrar u ħxejjex/ħwawar oħra; tkessiħ, tisfija u dożaġġ tad-dekozzjoni.

III. Ippompjar tal-għasel likwidu, l-ammont meħtieġ tal-ilma u d-dekozzjoni ġo kitla tal-pasturizzazzjoni. Pasturizzazzjoni tal-*mead* magħsur qabel ma jeħmer.

IV. Ippompjar u t-tberid tal-*mead* magħsur qabel ma jeħmer.

V. Fermentazzjoni tal-*mead* magħsur qabel ma jeħmer.

VI. Kjarifika tal-*mead*.

VII. Maturazzjoni tal-*mead* għal mill-inqas disa' xhur.

VIII. Iffiltrar u bbottiljar tal-mead.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-*mead* "Stakliškės" għandu jiġi bbottiljat f'kontenituri tal-ħġieġ, taċ-ċeramika jew f'suvenirs oħra ta' diversi forom u kapaċitajiet, immedjatament wara l-maturazzjoni u l-filtrazzjoni tiegħu, minħabba li l-esponiment għall-arja matul it-trasportazzjoni jew il-ħażna temporanja joħolqu r-riskju tal-ossidazzjoni, li tista' taffettwa b'mod negattiv il-karatteristiċi organolettiċi speċifiċi ta' dan il-*mead*. Barra minn hekk, l-espożizzjoni għall-arja tippermetti l-kontaminazzjoni permezz tal-aċidu aċetiku tal-batterji jew ta' xi mikroorganiżmi oħra, li jwasslu għal fermentazzjoni li tkun ta' detriment għall-prodott.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

—

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika hija l-paroċċa ċivili Stakliškės.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

L-indikazzjoni ġeografika "Stakliškės" tikkonsisti mill-isem tal-belt fejn il-*mead* jiġi magħmul, li tinsab f'wied żgħir imdawwar bl-għoljiet u bil-foresti. Peress li 60 % taż-żona hija art agrikola, filwaqt li 23 % hija forestata u 17 % hija koperta mill-ilma jew tintuża għal għanijiet oħra, il-post huwa favorevoli għat-trobbija tan-naħal u biex tipproduċi l-materja prima oħra użati biex isir il-*mead*.

Storja

L-isem tal-belt ta' Stakliškės issemma għall-ewwel darba fil-1375 fil-kronaki tal-Ordni Tewtoniku, u ġej mill-kelma "Stokielyšek". L-istorja tgħid li xi sinjuri sabu ruħhom f'argument f'nofs kaċċa dwar min jista' jixrob 100 tazza ta' *mead*. Wieħed mis-sinjuri xorobhom kollha u fl-istagħġib tiegħu għajat, "Stokielyšek" ("mitt tazza"), u hekk huwa kif il-post ħa l-isem ta' Stokielyček, jew Stakliškės.

L-ewwel informazzjoni bil-miktub dwar il-konsum speċifiku tal-*mead* fl-Art ta' Balts tinstab fir-rakkont tal-vjaġġ ta' Wulfstan, u bejn wieħed u ieħor tmur lura għas-sena 890. Dan il-vjaġġatur u negozjant żar l-artijiet li qegħdin max-xtut tal-baħar Baltiku, fejn kiseb l-għarfien dirett dwar l-abbundanza tal-għasel, u kif l-għasel kien qed jiġi użat biex isir ix-xorb. Ir-rejiet u n-nobbli kienu jixorbu l-ħalib tad-debba, filwaqt li l-foqra u l-ilsiera kienu jixorbu l-*mead*. Minħabba li kien hemm abbundanza ta' *mead*, l-Ajstjani ma kienu jipproduċu l-ebda birra ċara. Fil-bidu tas-seklu 14, Peter ta' Dusburg, kronista tal-Ordni Tewtoniku, kiteb li l-antenati tal-Litwani kienu jixorbu sempliċiment l-ilma, l-inbid tal-għasel – magħruf bħala *mead* – u l-ħalib tad-debba, imma dejjem wara li jkun ġie kkonsagrat.

Il-*mead* sar speċi ta' leġġenda, u kienu saru tentattivi biex jerġa' jitqajjem lura fil-bidu tas-seklu 20, iżda kien biss wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta l-inġinier tal-proċess Aleksandras Sinkevičius, tal-*meadery* ta' Stakliškės, iddeċieda li jipprova jerġa' joħloq ir-riċetta tal-*mead*, li fil-qedem (mis-seklu 15 għas-seklu 18) kien isir mill-għasel selvaġġ u minn diversi ħxejjex aromatiċi u ħwawar, u li jipprova jerġa' jqajjem il-produzzjoni ta' *mead* tradizzjonali, naturali, u mhux spirituż li f'dak iż-żmien ma kienx baqa' jiġi prodott la fil-Litwanja u lanqas f'pajjiżi ġirien oħra.

Fis-sistema soċjali ta' dak iż-żmien, Aleksandras Sinkevičius kellu jegħleb triq tassew imħarbta qabel ma rnexxielu jikseb il-liċenzja biex ikun jista' jipproduċi l-*mead* fl-1957. Fit-8 ta' Settembru 1958, f'kamra tal-bojler qadima f'birrerija Stakliškės, l-ewwel 700 litru ta' *mead* magħsur qabel ma jeħmer ġew mgħollija. Minn hemm 'il quddiem, il-*mead* "Stakliškės" beda jiġi prodott b'mod industrijali. Madankollu, kif kiteb Aivaras Ragauskas fil-ktieb tiegħu *Aleksandras Sinkevičius* (1908-1989). *Trečdalis gyvenimo paskirto lietuviškam midui* (Aleksandras Sinkevičius (1908–1989). Terz ta' ħajja ddedikat lill-*mead* Litwan) (Vilnius, 2008), "Kienet diffiċli biex timplementa l-pjanijiet. Pereżempju, fl-1964, il-pjan ta' produzzjoni kien biss implementat fil-91 %. Ma kien hemm l-ebda bażi ta' produzzjoni rilevanti u lanqas laboratorju, u ma kinitx faċli li tiżgura li l-kwalità tal-*mead* kienet konsistenti, speċjalment meta ħafna nies ma kinux jafu biżżejjed". Wara dan, il-produzzjoni tal-*mead* kellha telf kbir fl-1963. Kien biss fit-12 ta' Jannar 1967, wara proċess twil ta' aġġustament tar-riċetta, tal-proporzjon tal-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar u tal-proċess ta' produzzjoni, li Aleksandras Ainkevičius kiteb dan li ġej lill-prosekutur pubbliku, Viktoras Galinaitis, u lill-impjegati l-oħra taċ-ċivil fl-ittra Nru 24 LTSR (Arkivju tal-produzzjoni tal-*mead* Stakliškės): "F'kundizzjonijiet estremament primittivi, għamilt prodotti li ma jistgħux jiġu magħmulin minn impjanti mekkanizzati, u din hija r-raġuni għaliex huma ta' kwalità għolja."

Fit-18 ta' Jannar 1967, tfassal l-ewwel dokument tekniku għall-produzzjoni ta' dan il-*mead*, li jiddeskrivi l-materja prima u l-proċess ta' produzzjoni tal-*mead* kollu, u fl-1968, tfasslu l-ispeċifikazzjonijiet li magħhom il-*mead* "Stakliškės" għadu jikkonforma.

Ir-reputazzjoni tal-*mead* "Stakliškės" hija kkonfermata mid-domanda li dejjem qed tiżdied għalih, b'xi 60 000 litru ta' "*mead* Stakliškės" prodotti fl-1977 u 80 000 litru fl-1978. Fl-1989, l-ewwel lottijiet ta' dan il-*mead* ġew esportati lejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, u issa qed jiġi esportat lejn il-Polonja, il-Belġju, il-Latvja, iċ-Ċina, l-Iżrael u xi pajjiżi oħra.

Sal-lum il-ġurnata, il-metodu tradizzjonali ta' produzzjoni tal-*mead* "Stakliškės" u l-ħiliet professjonali tal-produtturi f'din iż-żona ġeografika, li huma mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, jiggarantixxu l-awtentiċità ta' dan ix-xorb ta' maturità twila b'togħma u riħa sottili. Dan jintwera mill-fatt li l-Fond tal-Wirt Kulinarju Litwan iggarantixxa lill-*mead* Stakliškės status ta' wirt kulinarju fl-2002, li jikkonferma illi huwa magħmul minn ingredjenti tradizzjonali bl-użu ta' metodi tradizzjonali, u l-fatt li l-Ministeru

tal-Agrikoltura tah ċertifikat ta' prodott ta' patrimonju nazzjonali fl-2010, filwaqt li kkonferma li l-*mead* "Stakliškės" huwa prodott tradizzjonali qadim, awtentiku, b'karatteristiċi ta' prodott tradizzjonali, fil-metodu tal-kompożizzjoni u tal-produzzjoni.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-*mead* "Stakliškės" jieħu t-togħma tal-għasel qawwija karatteristika tiegħu, b'togħma kemxejn ħelwa-qarsa u b'aroma pikkanti, bi proporzjon ta' zokkor/aċidità bilanċjata u l-metodu tal-produzzjoni tradizzjonali, jiġifieri, il-fermentazzjoni naturali ta' żmien twil (sa xi 90 jum) u maturazzjoni twila (mill-inqas disa' xhur) u r-riċetta tradizzjonali, li skont liema *mead* huwa magħmul, huma użati l-għasel naturali, il-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar biss (ħaxixa tal-imrar, inwar tal-ixkomp, frott tal-ġniebru). Il-mead "Stakliškės" huwa differenti minn tipi oħra ta' *mead* magħmula fl-artijiet tal-madwar minħabba l-fatt li l-kontenut tal-etanol jinkiseb b'mod sħiħ mill-fermentazzjoni naturali u mhuwiex aġġustat b'żieda tal-etanol, u l-għasel ma jistax jiġi sostitwit biz-zokkor, dolċifikanti korrispondenti jew distillat tal-għasel.

L-ispeċifiċità u r-reputazzjoni tal-prodott huma kkonfermati bi stħarriġ li sar fl-2007 mill-grupp tal-analiżi tas-suq u r-riċerka UAB RAIT, li wera li l-*mead* "Stakliškės" huwa differenti minn xorb ieħor tal-istess tip minħabba l-livell għoli ta' kwalità (rikonoxxut minn 70 % ta' dawk li wieġbu), togħma tajba (rikonoxxut b'59 % ta' dawk li wieġbu) u aroma pjaċevoli (rikonoxxut b'51 % ta' dawk li wieġbu). Il-kwalitajiet oħrajn ta' spiss attribwiti lil dan ix-xorb kienu: togħma qawwija (imsemmi minn 39 % ta' dawk li wieġbu), ippakkjar attraenti (imsemmi minn 36 % ta' dawk li wieġbu), maħsub għall-anzjani (imsemmi minn 36 % ta' dawk li wieġbu), u li huwa xorb għali (imsemmi minn 40 % ta' dawk li wieġbu).

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

L-indikazzjoni ġeografika protetta għall-*mead* "Stakliškės" hija bbażata fuq l-istorja tal-prodott li għandu l-karatteristiċi stipulati fil-punt 5.2, il-ħila tradizzjonali tan-nies li jippreservaw l-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni tiegħu, u r-reputazzjoni tiegħu.

Il-*mead* "Stakliškės" kiseb ir-reputazzjoni tiegħu għax huwa prodott tradizzjonali. Il-ktieb *Lietuviškas midus* (*Mead* Litwan) (Kaunas 1969), li ġie ppubblikat lura fl-1969, iddeskriva l-*mead* "Stakliškės" bħala "speċi ta' xorb nazzjonali distint li kien magħmul f'passat remot. Huwa ta' qawwa baxxa, ftit qares imma fragranti ħafna, u xorb delikat mimli vitamini, imsemmi għall-belt li fiha hija bbażata l-produzzjoni tal-*mead* Litwan. Ix-xorb għandu l-kulur tal-ambra ċar. Meta jitferra' fit-tazza, ifakkrek fil-mergħat li qed jiffjorixxu."

Ir-reputazzjoni tal-mead "Stakliškės" hija ddemostrata mir-rebħa tal-midalja tad-deheb li rebaħ fil-wirja internazzjonali AgroBalt'98, u d-diploma li ngħatat f'Degustalit, fejn isir dewqan tal-prodotti tal-ikel u tax-xorb Litwani, organizzat mill-Aġenzija Litwana tar-Regolazzjoni fis-Suq tal-Prodotti Agrikoli u tal-Ikel, li rrikonoxxietu bħala x-xorb bl-aħjar togħma.

L-apprezzament u l-popolarità tal-mead "Stakliškės" huwa kkonfermat mill-artikli li jitfaċċaw regolarment fil-gazzetti nazzjonali u reġjonali, kif ukoll fil-pubblikazzjonijiet tal-informazzjoni fuq l-internet: "Stakliškių Midus" (*Mead* Stakliškės) (*Mūsų sodai*, 1964, Nru 5); "Kur stakliškių auksas ir sidabras" (Fejn huwa d-deheb u l-fidda tal-Stakliškės?) (*Švyturys*, 1968, Nru 24); "stakliškių midus" (*Mead* stakliškės) (*Laisvė*, il-25 ta' Novembru 1983); "metai, kaip lietuviškas midus" (Sena bħal *mead* Litwan) (*Kooperatininkas*, 1988, Nru 9); "Stakliškės" (*Šiaurės Atėnai*, 2003, Nru 646); "AgroBalt: pirmoji lietuviškų maisto produktų ir gėrimų degustacija" (AgroBalt: l-ewwel dewqan tal-ikel u x-orb Litwam) (*Elta*, 9 June 2004); "„Ida Basar" Europos Parlamente išlaikė pirmąjį lietuviškų vaišių egzaminą" („Ida Basar" jgħaddi l-ewwel test għall-ispeċjaltà Litwana fil-Parlament Ewropew) (meniu.lt, il-11 ta' Ottubru 2004); "„Lietuviškas midus" degtinės gaminti nesirengia" (Lietuviškas midus mhux se jipproduċu il-vodka) (BNS, l-14 ta' April 2006).

Il-Litwani jassoċjaw l-isem tal-belt ta' Stakliškės biss ma' dan ix-xorb. Il-*mead* "Stakliškės" kellu rwol fil-preservazzjoni tal-identità Litwana fiż-żminijiet tal-Unjoni Sovjetika, u llum huwa "ambaxxatur" perfett għal-Litwanja barra mill-pajjiż. Huwa jirrappreżenta l-Litwanja – meta qed jintgħażel tifkira jew rigal mil-Litwanja, dan ix-xorb huwa dejjem magħżul, flimkien mal-ambra jew ix-*šakotis* (kejk tradizzjonali Litwan). Mill-2011, l-UAB Lietuviškas midus qed tagħmel turs bil-gwida, fejn il-viżitaturi jitgħallmu dwar metodu tant antik li bih isir ix-xorb tal-*mead*, u jkollhom l-opportunità li jduqu u jevalwaw dan u

diversi tipi oħra ta' xorb. Il-viżitaturi jogħġobhom il-*mead* "Stakliškės" l-iżjed minħabba t-togħma tiegħu u ismu, li jassoċjawh mal-post li żaru. Fl-2011 kien hemm 1 040 viżitatur, u n-numru diġà se jilħaq madwar 1 800 fl-2012, li tikkonferma wkoll ir-reputazzjoni tal-*mead* "Stakliškės".

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3]))

http://www.zum.lt/l.php?tmpl_into=middle&tmpl_id=2702

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT